MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru 1309/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**KONTRA**

**JASON MANUEL BRIFFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Manuel Briffa, bin Gaetano Joseph u Aida Maria nee’ Cunningham, imwieled l-Awstralja, u residenti fil-fond imsejjah ‘Rosewood’, Block A, Flat 4, Pader Born Street, St Paul’s Bay, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 121193(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar l-24 ta’ Marzu, 2007 ghall-habta tal-5.00pm gewwa l-Mosta, ikkaguna hsara volontarja fuq l-arlogg u l-mobile ta’ Johann Baldacchino, liema hsarat jaccedu l-Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin) ghad-dannu tal-imsemmi Johann Baldacchino;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Johann Baldacchino, u dan skond ma ccertifika t-Tabib Dr A Bonello MD mic-Centru tas-Sahha tal-Mostal

3. U kif ukoll talli kiser il-paci pubblika b’ghajjat, glied, jew b’mod iehor.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara il nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 221(1), 325, u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Jason Manuel Briffa hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna lill-istess Jason Manuel Briffa ihallas is-somma ta’ hamsa u sittin lira maltin u hamsin centezmu (LM65.50), ekwivalenti ghal mija u tnejn u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi tal-Euro (EURO152.57) lil Johann Baldacchino bhala danni sofferti minnu, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------